# LA VALETTE U L-BIRGU

## minn Carmel Calleja



Bħal ma wieħed ma jistax isemmi La Valette jekk ma jsemmix il-Belt Valletta; daqs tant ieħor ma tistax isemmi l-Birgu jekk ma tinsieġ ir-rebħa li la Valette għamel fuq il-mislem meta hu kien joqgħod il-Birgu. La Valette tant ħabb il-Birgu li ndifen fil-kappella ta' Sant Anna ġewwa Sant Anglu, u wara li tlesta il-Kon Katedral ta' San Gwann dan ġie trasferit għal hemmhekk.

Din is-sena Malta qed tfakkar il-500 mitt sena mit-twelid ta' La Valette. Difatti l-Belt Valetta qed tħejji programm speċjali biex tikkomemora dana il-500 mit anniversarju. Diġa saru xi kunċerti fil-palazz il-Belt u hemm il-ħsieb li jsiru aktar attivitajiet. U aħna f'dan l-anniversarju x' ser nagħmlu?

Hu fatt li La Valette dejjem ħares lejn il-Birgu bħala BELT REBBIEĦA u jingħad li dan xtaq li l-Birgu jibqa' mnizzel fl-istorja. U XTAQ LI TINBENA BELT GDIDA.

### DAR FIL-BIRGU

Difatti, skond il-Kan G.M. Farruġia fejn kiteb dwar l-arkeoloġija madwar il-Birgu - IL-MALTI GUNJU 1926-(disgħa u sittin sena ilu) kien qal li " Mal-Kortin ta' Sant Orsla, gewwa l-Birgu, kien hemm dar, li llum imġarrfa, li jgħidu li fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann , il-Gran Mastru La Valette, kien jistrieħ fiha, u li minn hemm kien jagħti l-ordnijiet."

"Issa li din id-dar kienet tagħti mas-sur tas-sur, u tibqa sejra għas-sur tal-Miratur," kienet tagħti faċċata ta' srt xagħri msejħa l-għola ta' Xiberras, li fuqha nbniet il-Belt Valletta.

### PJAN ĠDID

Hu maħsub li min din id-dar , il-Gran Mastru La Valette, fassal pjan ta' struttura ħalli tkun tista' tinbena l-Belt il-Ġdida, Belt mibnija mil- gentlomi għal gentlomi.

Fit-tfassil tal-pjanti, l-arkitetti ta' dak iż-żmien kienu l-ewwel jagħtu kas ta' ċerti postijiet prominenti biex iservu ta' rikreazzjoni għal kavallieri . Dawn kienu jkunu siti fejn l-aktar li kienet tispikka xi għolja jew naħa li kienet tgħati għal xi veduta.



Il-Monument hekk imsejjaħ 'Tal-Vittorja' li jiddomina Misraħ ir-Rebħa

***BARRAKKA TA FUQ***

Waħda min dawn l-"spots" kienet bla dubju ta' xejn is-sit fejn hi mibnija l-barakka ta' fuq gewwa l-Belt Valletta. Qabel ma ntgħazel dan il-lokal, hu maħsub li La Valette kien ta' spiss imur hemm; jitpaxxa bil-veduta tal-port il-kbir, bid-daħliet oriġġinali tal-baħar bejn l-Isla u l-BIRGU u l-Kalkara bid-dominazzjoni mponenti tal-Kastell Sant Anglu gewwa l-Birgu.

Kien jitpaxxa jħares lejn dawn in-naħat mimlijin xwieni ta' l-Ordni tal-Kavallieri -. Kif ukoll bit-tifkira friska friska tar-rebħa li kienet għadha kemm saret fuq il-Mislem.

***HSIEB NOBBLI***

Kien għalhekk ħsieb nonnbli, għaqli u effikaċi li din is-sit tinbena bħala barakka, biex il-Kavallieri u nies kollha li jmorru hemm, meta jħarsu lejn in-naħat tagħna, b' mod speċjali lejn il-Birgu; jibqgħu jzommu l-memorja li "Min dan il-Post Malta Giet Salvata Mil-Ħakma ta' l-Għadu."

***IL-LUM***

Il-lum il-ġurnata wara li sar xi tibdil strutturali, din il-Barakka, li hi ta' serħan għal kulħadd; fil-prezent tista' tissejjaħ il-"MECCA" tat-turizmu ġewwa Malta; il- għaliex kull turist jitpaxxa jħares u jieħu ritratti tas-sbuħija tal-port tagħna, ritratti ta' dawn in-naħat b' mod speċjali tal-Kastell Sant Anglu gewwa l-BIRGU.- ritratti biex jibqgħu bħala memorja ta' tifkira tas-sbuħija ta' dawn in-naħat... u b' hekk baqgħet is-seħħ il-ħolma u x-xewqa ta' La Valette HOLMA TA' STORJA U TA' SBUHIJA.

U EJJEW MELA NFAHHRU
U NAGHTU L-GHOLA GOEH
GHAX IL-BIRGU IL-BELT TAGHNA
LILL-ARTNA ŻAMM REBBIEH.

U HEKK BHAL LA VALETTE NAGHMLU
LILL-BIRGU INFAHHRUH
NITGHAXXQU BIL-ĠMIEL U STORJA
U L-PRESTIĠJU DEJJEM NGHOLLUH